MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 543/2011

Kurt Vella

vs

1. Joseph Mallia li b'digriet tal-15 ta' Lulju, 2011 gie nominat Kuratur Deputat biex jirrapprezenta l-assenti Lloyds Syndicates: Brit Syndicate 2987

2. Pierre Balzan f'ismu propju u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Melita Power Services Limited (C41892)

3. Millenium Insurance Agency Limited (C23927)

4. Roderick Hili

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi fis-6 ta' Jannar 2009, waqt li r-rikorrent kien qieghed jahdem fuq il-post tax-xoghol tieghu bhala impjegat mas-socjeta` konvenuta Melita Power Services Ltd, huwa korra u sofra dizabilita` permanenti f'incident li sehh dakinhar.  Bhala konsegwenza huwa tilef id-dawl t'ghajnejh xellugija;

2. Illi l-incident sehh minhabba nuqqas ta' sigurta` bizzejjed fuq il-post tax-xoghol u minhabba negligenza, traskuragni u *non osservanza* tar-regolamenti da parti tas-socjeta` konvenuta Melita Power Services Ltd. u tal-impjegat taghha l-konvenut Roderick Hili u tad-direttur u rapprezentant taghha Pierre Balzan;

3. Illi per konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrent sofra danni, konsistenti f'*damnum cessans* [*recte emergens*] u *lucrum cessans*, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi r-rikorrent kien jahdem *part-time* bhala sewwieq ta' *minibus* ta' missieru liema negozju eventwalment missieru kien se jghaddilu biex ikompli fuq bazi *full-time* mal-irtirar imminenti tieghu u bhala rizultat ta' dan l-incident, ir-rikorrent sofra dizabilita` permanenti ta' mija fil-mija (100%) billi l-licenzja kummercjali tas-sewqan bhala sewwieq ta' *minibus* intilef u ma jistax jiggedded mill-awtoritajiet koncernati u mill-awtorita` *Transport Malta* minhabba l-korriment gravi tieghu u b'hekk ir-rikorrent tilef ix-xoghol tieghu u dan in-negozju stabbilit bil-*goodwill* u l-klijenti kollha tieghu;

5. Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali s-socjeta` konvenuta Melita Power Services Ltd. u l-konvenuti Pierre Balzan u Roderick Hili huma responsabbli minhabba nuqqas ta' sigurta` bizejjed fuq il-post tax-xoghol u minhabba negligenza, traskuragni u *non osservanza* tar-regolamenti; u

6. Illi s-socjeta` konvenuta Melita Power Services Ltd. kienet inxurjata mal-Lloyds Underwriters Brit Syndicate 2987 rapprezentati mill-agenti taghhom Millenium Insurance Agency Ltd;

7. Illi ghalkemm gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferi mir-rikorrent, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni li sofra r-rikorrent, u dan minhabba negligenza, traskuragni u *non osservanza* tar-regolamenti;

2. Tillikwida d-danni ta' natura ta' *lucrum cessans* u *damnum emergens* sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident, *okkorrendo* bl-opera ta' Periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Ottubru, 2009 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Mallia bhala rapprezentant guridiku tas-socjeta` Lloyd's Malta Limited (C-24284) bis-sahha tal-*Board Resolution* datata 30 ta' Luilju, 1999 u in rapprezentanza ta' Lloyds Syndicate: Brit Syndicate 2987, li biha espona:

1. Illi s-socjeta` intimata Lloyds Syndicate: Brit Syndicate 2987 in kwantu assiguratrici tas-socjeta` intimata Melita Power Services Limited m'hijiex il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li hija m'ghandha ebda relazzjoni la guridika u lanqas kuntrattwali mal-attur. Il-fatt illi s-socjeta` intimata Lloyds Syndicate: Brit Syndicate 2987 tassigura lis-socjeta` intimata l-ohra Melita Power Services Limited ma tohloq l-ebda relazzjoni kuntrattwali u/jew legali mal-attur li ghalhekk ma kellu ebda dritt illi jdahhal lis-socjeta` rispondenti Lloyds Syndicate: Brit Syndicate 2987 bhala konvenuta f'din il-kawza;

2. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward tad-danni, jinkombi fuq l-attur li jaghti provi tad-danni verament minnu sofferti u r-rispondenti minn issa qeghdin jiddikjaraw li huma joggezzjonaw bl-izjed mod shih u kategoriku ghal dawk id-danni li l-attur qed jintenta jitlob minhabba t-telf ta' licenzja tas-sewqan bhala sewwieq ta' *minibus* u dan ghaliex, fost ragunijiet ohra, l-attur jista' jitlob biss dawk id-danni sofferti minnu personalment u mhux xi danni li qatt seta' jippretendi li sofra missieru, li mieghu r-rispondenti m'ghandu ebda relazzjoni guridika ta' kwalsijasi natura. *Oltre* dan l-attur qieghed fil-pretensjonijiet tieghu tal-*quantum* tad-danni manifestament jintenta li jarrikixxi ruhu indebitament ghad-danni tar-rispondenti u/jew ta' l-assiguraturi taghhom, u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu awtorizzati minn din il-Qorti skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda prezentata minn Joseph Mallia bhala rapprezentant guridiku tas-socjeta` Lloyd's Malta Limited (C-24284) bis-sahha tal-*Board Resolution* datata 30 ta' Luilju, 1999 u in rapprezentanza ta' Lloyds Syndicate: Brit Syndicate 2987.

Rat ir-risposta ta' Pierre Balzan f'ismu propju u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Melita Power Services Limited li biha espona:

1. Preliminarjament, l-intimat Pierre Balzan fil-vesti tieghu personali certament li ma jahti ghall-ebda danni akwiljani talvolta sofferti mill-attur u m'ghandu ebda relazzjoni kuntrattwali mieghu, u ghalhekk ghandu jigi liberat *ab observantia*;

2. Illi s-socjeta` Melita Power Services Limited (C41892) m'hijiex responsabbli ghall-incident *de quo agitur* u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur liema incident sehh unikament minhabba htijiet u tortijiet imputabbli lill-istess attur u/jew lill-konvenut l-iehor Roderick Hili u/jew lil terzi;

3. Illi ma tezisti ebda sitwazzjoni ta' solidarjeta` la *ex lege* u lanqas *ex contractu* bejn ir-rispondent Pierre Balzan f'ismu personali u r-rispondenti socjeta` Melita Power Services Limited u l-konvenut l-iehor Roderick Hili u, oltre dan, ir-rispondenti odjerni ma jahtux ghal kwalsijasi htija jew nuqqas da parti tal-konvenut l-iehor Roderick Hili *stante* li ma ppekkaw la fil-*culpa in eligendo* u lanqas fil-*culpa in vigilando*;

4. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward tad-danni, jinkombi fuq l-attur li jaghti provi tad-danni verament minnu sofferti u r-rispondenti minn issa qeghdin jiddikjaraw li huma joggezzjonaw bl-izjed mod shih u kategoriku ghal dawk id-danni li l-attur qed jintenta jitlob minhabba t-telf ta' licenzja tas-sewqan bhala sewwieq ta' *minibus* u dan ghaliex, fost ragunijiet ohra, l-attur jista' jitlob biss dawk id-danni sofferti minnu personalment u mhux xi danni li qatt seta' jippretendi li sofra missieru, li mieghu r-rispondenti m'ghandu ebda relazzjoni guridika ta' kwalsijasi natura. Oltre dan l-attur qieghed fil-pretensjonijiet tieghu tal-*quantum* tad-danni manifestament jintenta li jarrikixxi ruhu indebitament ghad-dannu tar-rispondenti u/jew ta' l-

assiguraturi taghhom, u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

5. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu awtorizzati minn din il-Qorti skond il-Ligi.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mis-socjeta` Melita Power Services Limited.

Rat ir-risposta ta' Joseph Mallia bhala direttur u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` intimata Millennium Insurance Agency Limited (C23927) li biha esponiet:

1. Illi s-socjeta` intimata Millennium Insurance Agency Limited (C23927) m'hijiex il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li hija m'ghandha ebda relazzjoni la guridika u lanqas kuntrattwali mal-attur. Is-socjeta` intimata Millennium Insurance Agency Limited (C23927) agixxiet biss bhala *Lloyd's cover holder* u m'hemm ebda raguni valida skond il-ligi biex is-socjeta` rispondenti tigi mdahhla bhala konvenuta f'din il-kawza;

2. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward tad-danni, jinkombi fuq l-attur li jaghti provi tad-danni verament minnu sofferti u r-rispondenti minn issa qeghdin jiddikjaraw li huma joggezzjonaw bl-izjed mod shih u kategoriku ghal dawk id-danni li l-attur qed jintenta jitlob minhabba t-telf ta' licenzja tas-sewqan bhala sewwieq ta' *minibus* u dan ghaliex, fost ragunijiet ohra, l-attur jista' jitlob biss dawk id-danni sofferti minnu personalment u mhux xi danni li qatt seta' jippretendi li sofra missieru, li mieghu r-rispondenti m'ghandu ebda relazzjoni guridika ta' kwalsijasi natura. Oltre` dan l-attur qieghed fil-pretensjonijiet tieghu tal-*quantum* tad-danni manifestament jintenta li jarrikixxi ruhu indebitament ghad-dannu tar-rispondenti u/jew ta' l-assiguraturi taghhom, u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu awtorizzati minn din il-Qorti skond il-Ligi.

Rat il-lista ta’ xhieda prezentata minn Joseph Mallia bhala direttur u in rapprezentanza ta’ l-istess socjeta` intimata Millennium Insurance Agency Limited (C23927).

Rat ir-risposta ta’ Roderick Hili li biha espona:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-azzjoni odjerna hija wahda preskritta *ai termini* ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan peress li Roderick Hili qatt ma kien debitament notifikat b’att gudizzjarju skond il-Ligi kif se jirrizulta;

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fl-ispejjez kontra l-istess attur *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-debilita` permanenti li l-attur allegatament sofra u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

3. Illi dan l-incident sehh totalment minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta’ sigurta` bizzejjed fuq il-post tax-xoghol, traskuragni u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti l-ohra Melita Power Services Limited u d-Direttur rapprezentant tal-Melita Power Services Limited Pierre Balzan mhux minhabba n-negligenza u imprudenza u/jew ksur ta’ regolamenti fl-organizzazzjoni min-naha ta’ Roderick Hili;

4. Illi ghalhekk isegwi li ma hemmx danni x’jigu likwidati fuvur l-attur;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt mis-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mill-konvenut Roderick Hili.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fit-23 ta' Settembru, 2011 gie nominat Dr. Denis Mallia bhala espert mediku.

Illi din id-decizjoni tirrigwarda l-eccezzjoni preliminari ta' Roderick Hili li l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-Kap 16 art 2153 ghax l-imsemmi Hili qatt ma kien notifikat b'att gudizzjarju skond il-ligi.

Mill-affidavit ta' Kurt Vella jirrizulta li fis-6 ta' Jannar, 2009 irrizulta incident fuq il-post tax-xoghol ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara n-nofsinhar meta kienu qed jistallaw sistema ta' CCTV *Cameras*.

Illi fit-23 ta' Settembru, 2011 a fol 61 hemm esebita kopja legali, Dok L1, ta' l-Ittra Ufficjali tas-27 ta' Ottubru, 2009 mibghuta u notifikata lil Roderick Hili *et*, liema ittra tinsab a fol 62, bir-riferta 62 *tergo*. L-indirizz fejn gie notifikat Roderick Hili huwa Melita Power Services Limited, Manoel Island Marina, Manoel Island, Gzira u cioe` fuq il-post ta' fejn kien jahdem l-imsemmi Hili.

Xehed Pierre Balzan u kkonferma li Roderick Hili kien jahdem ma' Melita Power Services Limited li taghha kienu diretturi hu u Sandro Grima.

Gie prezentat affidavit ta' Roderick Hili fejn issemma:
"Jiena ghamilt zmien nahdem mal-Melita Power Services sa mis-sena 2008 sal-gurnata tal-25 ta' Ottubru 2009. Fil-fatt anness ma' dan l-affidavit qed nipprezenta l-ahhar

FS3 tieghi mas-socjeta` Melita Power Services Limited li din giet iffirmata fis-27 ta' Ottubru, 2009 izda tindika z-zmien ta' hlas bejn l-1 ta' Jannar, 2009 sal-25 ta' Ottubru, 2009. Ghandi nghid illi l-ittra ufficcjali li l-attur Kurt Vella baghat biex inhallas il-likwidazzjoni ta' danni li hu sofra jiena ma rcivejtha qatt u qatt ma ffirmajt ghaliha."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Ir-rikorrent b'riferenza ghall-eccezzjoni sollevata minn Roderick Hili jargumenta li mid-dokumenti ezibiti u senjatament l-ittra ufficjali numru 3899/09 tas-27 t'Ottubru, 2009, l-intimat Roderick Hili gie debitament notifikat fit-30 t'Ottubru, 2009 kif irrizulta mir-riferta pozittiva tal-Marixxall Francis X. Ellul tal-5 ta' Novembru, 2009 fl-indirizz tieghu tax-xoghol ta' Melita Power Services Limited, Manoel Island Marina, Manoel Island, Gzira. Illi ghal din in-notifika iffirma ghaliha Pierre Balzan, id-direttur tas-socjeta' Melita Power Services Limited, li mieghu kien jahdem l-attur u l-intimat Roderick Hili meta sehh l-incident fuq il-post tax-xoghol.

Kif sostna r-rikorrent, l-incident ma sarx deliberatament jew bin-negligenza ta' l-intimat Roderick Hili, izda kien incident purament accidentali.

Il-Kap 12 artikolu 187jibda billi fis-subartikolu 1 jghid:
'187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha:…'
Dan iwassal li n-notifika trid issir jew fil-lok fejn toqghod persuna jew fejn tahdem. Certament li l-intimat Roderick Hili ma kienx joqghod kif indikat fl-Ittra Ufficjali tas-27 ta' Ottubru, 2009 f'Melita Power Services Limited, Manoel Island Marina, Manoel Island, Gzira (ara fol 62). Irrizulta wkoll mill-affidavit ta' Roderick Hili li hu qatt ma rcieva l-Ittra Ufficjali. Ukoll, Christian Borg, Ufficjal tal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig permezz ta' affidavit

ikkonferma li Roderick Hili kien impjegat ma' Melita Power Services Limited mit-2 ta' Jannar, 2008 sal-25 ta' Ottubru, 2009. Ghalhekk ir-riferta ta' l-ittra li giet allegatament notifikata lil Roderick Hili fit-30 ta' Ottubru, 2009 (fol 62) ma hix korretta ghax dan ma kienx aktar il-post tax-xoghol ta' l-imsemmi Roderick Hili wara l-25 ta' Ottubru, 2009 u cioe` qabel ma giet prezentata l-Ittra Ufficjali.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni sollevata ta' Roderick Hili u tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta a tenur tal-Kap 16 art 2153 u Kap 12 art 187(1).

Spejjez kontra r-rikorrenti.

Il-Qorti thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-11 ta' Frar, 2013 fl-10.00 a.m. b'dan li sadanittant tkompli tisma' x-xhieda l-Assistent Gudizzjarju.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------